Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri - Għawdex)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru: 2/18

**Bruma Ltd (C-64163) (soċjeta` appellata)**

**vs**

**Segretarju Permanenti, Ministeru għal Għawdex (appellant)**

24 ta' Mejju, 2019.

1. **Din hija kawża għall-ħlas ta' kumpens minħabba terminazzjoni unilaterali ta' kuntratt ta' servizzi ta' konsulenza.**

2. Fl-avviż tad-19 ta' Jannar 2018, ippreżentat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Inferjuri, is-soċjeta` Bruma Ltd talbet ippremettiet li hija kienet ġiet inkarigata mill-konvenut sabiex twettaq xogħol ta' konsulenza skont kuntratt ta' servizzi ffirmat fit-2 ta' Marzu 2017, u dan għal perjodu ta' sena b'effett mill-1 ta' Marzu 2017, versu l-kumpens pattwit ta' €11,700 eskluża l-VAT. Ippremettiet li permezz ta' ittra datata 24 ta' Lulju 2017 il-konvenut ittermina unilateralment tali kuntratt. Għaldaqstant talbet lill-Qorti tal-Maġistrati:

(i) Tiddikjara li t-terminazzjoni unilaterali tal-kuntratt saret mingħajr ġustifikazzjoni;

(ii) Tiddikjara li huwa dovut lilha kumpens likwidat u kkalkolat fit-termini tal-Artikolu 1640 tal-Kodiċi Ċivili;

(iii) Tillikwida l-ammont dovut;

(iv) Tikkundanna lill-konvenut iħallasha tali kumpens flimkien mal-imgħaxijiet ikkalkolati bir-rata ta' 8% b'effett mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali 523/2017 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra uffiċjali kontra l-konvenut. Iddikjarat għall-finijiet ta' kompetenza li s-somma li għandha titħallas lilha m'għandhiex teċċedi l-€5,000.

3. Fir-risposta tiegħu tas-7 ta' Frar 2018 il-konvenut eċċepixxa:

(i) in linea preliminari l-inkompetenza "*ratione materiæ*" tal-Qorti tal-Maġistrati;

(ii) li kull allegazzjoni kif vantata mis-soċjeta` attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt;

(iii) li t-terminazzjoni tal-impieg tas-soċjeta` attriċi saret skont il-liġi;

(iv) li t-terminazzjoni saret abbażi tal-klawsola 5 tal-ftehim, stante li l-oġġettivi stipulati fil-klawsola 4 ma ġewx miksuba;

(v) li t-talbiet tas-soċjeta` attriċi għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom.

Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra uffiċjali kontra l-istess soċjeta` attriċi.

4. Fis-sentenza preliminari tagħha tal-10 ta' Ottubru 2018, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Inferjuri ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-inkompetenza "*ratione materiæ*" sollevata mill-konvenut u ddikjarat ruħha kompetenti biex tkompli tisma' l-kawża. Bl-ispejjeż riservati għall-ġudizzju finali.

5. Il-konvenut ħass ruħu aggravat b' din id-deċiżjoni u għalhekk fid-29 ta' Ottubru 2018 intavola rikors tal-appell quddiem din il-qorti. Huwa jilmenta li l-ewwel qorti tat interpretazzjoni ħażina tal-Artikolu 75(1)(a) u (2), u tal-Artikolu 2 tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta. Jenfasizza li t-Tribunal Industrijali għandu ġurisdizzjoni esklussiva li jiddeċiedi l-każijiet kollha fejn ikun hemm allegazzjoni li saret tkeċċija inġusta, u in oltre jsostni li s-soċjeta` attriċi taqa' kemm taħt id-definizzjoni ta' "*ħaddiem*" kif ukoll ta' "*impjegat*" mogħtija mil-liġi.

6. <u>Fl-14 ta' Novembru 2018 is-soċjeta` attriċi wieġbet</u> biex tgħid illi l-appell interpost mill-konvenut huwa wieħed infondat u għandu jiġi miċħud. In oltre sostniet li huwa frivolu u vessatorju ai termini tal-Artikolu 229(9) tal-Kap 12 u li allura l-konvenut għandu jħallas spejjeż doppji.

(i) Fl-ewwel lok sostniet li l-appell huwa null għaliex ma jikkonformax mad-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-<u>Artikolu 231(1)</u>: u cioe` li appell minn sentenza parzjali qabel l-aħħar sentenza jista' jsir biss bil-permess tal-qorti mogħti fil-qorti bil-miftuħ fuq talba verbali meta tkun ingħatat is-sentenza jew b'rikors fi żmien sitt ijiem mis-sentenza.

(ii) Fit-tieni lok argumentat li r-relazzjoni li kellha mal-konvenut ma kinitx waħda ta' "*impjegat*" jew "*ħaddiem*" kif definita fl-Artikolu 2 tal-Kap 452 u konsegwentement targumenta li l-Artikolu 75 ma japplikax. Tissottometti li r-relazzjoni tagħha mal-konvenut kienet waħda ta' servizz professjonali li b'definizzjoni hija eskluża mir-relazzjonijiet li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Kap 452, u li taqa' invece taħt l-applikazzjoni tal-kuntratt ta' "*locatio operis*" kif definit fil-Kodiċi Ċivili.

**<u>Kunsiderazzjonijiet.</u>**

7. L-Artikolu 231(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra hekk (enfasi ta' din il-qorti)

> *(1) Jekk diversi kwistjonijiet f'kawża jinqatgħu b'sentenzi separati, jista' jsir appell minn kull waħda minn dawk is-sentenzi wara s-sentenza finali u fiż-żmien li jmiss li jibda jgħodd mill-jum meta tingħata l-aħħar sentenza; u f'dak l-appell għandhom jissemmew espressament is-sentenza jew sentenzi li minnhom isir appell:*
>
> ***Iżda appell minn dawk is-sentenzi separati jista' jsir qabel l-aħħar sentenza biss bil-permess tal-qorti mogħti fil-qorti bil-miftuħ; u din it-talba għal permess biex isir appell għandha ssir jew verbalment meta tingħata s-sentenza jew b'rikors fi żmien sitt ijiem minn dik is-sentenza u meta jingħata dak il-permess biex isir appell minn dawk is-sentenzi separati, iż-żmien biex jiġi preżentat l-appell relattiv għandu jibda għaddej mill-jum minn meta jingħata dak il-permess fil-qorti bil-miftuħ."***

8. Il-*proviso* ta' dan l-artikolu (li daħal bl-emendi tal-Att XXIV tal-1995) għalhekk jagħmilha ċara li biex parti tappella minn sentenza *in parte* qabel ma tkun

ingħatat is-sentenza finali, trid l-ewwel titlob u takkwista l-permess tal-qorti li tkun tat tali sentenza *in parte*. In-nuqqas tal-permess tal-ewwel qorti huwa fatali għar-rikors tal-appell mis-sentenza *in parte*.

9. Fil-kawża fl-ismijiet **Markiża Beatrice Cremona Barbaro nomine vs Joseph Vella Galea et**, deċiża fis-16 ta' Diċembru 2003, il-Qorti tal-Appell (Superjuri) osservat:

> *"Ma hemmx dubbju li l-iskop tal-leġislatur meta ssostitwixxa, fl-1995 bl-Att XXIV ta' dik is-sena l-Artikolu 231 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili kif kien preċedentement bl-artikolu kif inhu llum, kien li jillimita l-ispezzettar tal-kawżi b'appelli interposti minn kull waħda mis-sentenzi in parte li tista' maż-żmien tingħata, bil-konsegwenti dewmien sa ma l-kawża kollha kemm hi tiġi determinata, għall-anqas fl-ewwel grad. In fatti, kif kien dana l-artikolu qabel ma ġie sostitwit bl-Artikou 114 tal-imsemmi Att, kien hemm il-possibilita` fid-diskrezzjoni assoluta tal-parti sokkombenti li jew tappella minn waħda jew aktar mid-diversi sentenzi "wara li tingħata l-aħħar sentenza" jew li tappella minn kull sentenza separatament hekk kif din tingħata. Bid-dispożizzjoni l-ġdida l-leġislatur ma neħħiex għal kollox id-dritt tal-parti sokkombenti milli tappella minn sentenza in parte, iżda għamilha kundizzjonata għall-otteniment tal-permess tal-Qorti li tkun ippronunzjat is-sentenza in parte. Għalhekk, fil-fehma tal-Qorti, kull interpretazzjoni li talvolta tista' tkun meħtieġa fir-rigward tal-Artikolu 231 għandha tkun waħda restrittiva, u cioe` li tirrispekkja l-intenzjoni tal-leġislatur li jarġina ż-żminijiet fl-interess tal-ispeditezza tal-kawżi."*

10. Wara s-sentenza *in parte* tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Inferjuri tal-10 ta Ottubru 2018, il-konvenut ma talabx permess sabiex jappella mis-sentenza *in parte*. Pero' f'dan il-każ ma kellux bżonn jitlob permess sabiex jappella mis-sentenza, għaliex l-eċċezzjoni kienet waħda ta' kompetenza (artikolu 234 tal-Kap. 12). Għaldaqstant, l-eċċezzjoni preliminari hi miċħuda.

11. Fil-meritu il-qorti tosserva li minn qari tal-varji disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452), il-qorti m'għandhiex dubju li impjegat tista' tkun biss persuna fiżika. Dan minkejja d-definizzjoni tal-kelma 'persuna' fl-Att dwar l-Interpretazzjoni (Kap. 249). F'dan ir-rigward il-qorti tirreferi partikolarment għal dawk id-disposizzjonijiet li jirregolaw id-drittijiet ta' impjegat fil-perjodu ta' impieg u li m'għandhiex dubju japplikaw biss għall-persuna fiżika. Il-qorti żżid li mid-definizzjoni tal-kelma 'impjegat' li hemm fil-

Kap. 452, hu evidenti li l-impjegat jagħmel personalment ix-xogħol jqabbdu jagħmel il-prinċipal. Min-naħa l-oħra kumpannija ma taħdimx. Ix-xogħol isir mill-impjegati tagħha. Il-konvenuta m'hijiex persuna fiżika u għaldaqstant ix-xogħol ma tagħmlux hi. Għalhekk ma tikkwalifikax bħala ħaddiem jew impjegat. Għaldaqstant, il-Kap. 452 ma japplikax għall-każ in eżami.

12. Inoltre, filwaqt li l-artikolu 2 tal-Kap. 452 jipprovdi li *"prinċipal tinkludi soċjeta, kumpannija, assoċjazzjoni jew korp ieħor ta' persuni, sew jekk ikollhom personalita' ġuridika sew jekk le"*, ma nsibux definizzjoni bħalha għall-impjegat jew ħaddiem. Għal din il-qorti dan hu indizju ieħor ta' kemm il-Kap. 452 m'huwiex jikkontempla sitwazzjoni ta' kumpannija li tkun impjegat.

13. Il-qorti żżid li Bruma Limited kienet inkarigata bħala konsulent. Fil-kuntratt jingħad li, *"The overall cost to be paid by the Ministry for Gozo is of eleven thousand seven hundred Euro (€11,700)* ***excluding VAT**, **for consultancy services*** *provided over a fifty two (52) week period"*. Fl-ebda parti tal-kuntratt ma jissemma salarju jew bonus li kull impjegat għandu dritt għalih skont il-liġi (artikolu 23 tal-Kap. 452). Inoltre, min hu impjegat m'għandux x'jaqsam mat-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud. Fil-fehma tal-qorti issemmiet it-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud għaliex il-partijiet kienu jafu li l-konvenuta m'hijiex impjegata.

14. L-ewwel qorti osservat ukoll li s-servizz kien relatat ma' konsulenza fis-settur ta' turiżmu u kultura, *"... u għalhekk il-konsulenza in kwistjoni ma tistax ma titqiesx ħlief bħala servizz mogħti fi sfond professjonali, kif imfisser fid-definizzjoni ta' 'impjegat' ċċitata hawn fuq"*. Fid-definizzjoni ta' impjegat hu espressament eskluż l-għoti ta' xogħol jew servizz mogtħi fi sfond professjonali. Għalhekk l-osservazzjoni li għamlet l-ewwel qorti tidher valida.

15. Fir-rikors tal-appell, l-appellant ma ressaq l-ebda argument li jikkonvinċi lill-qorti li kumpannija tista' tkun impjegata.

16. Meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq, ir-riferenza tal-appellant għas-sentenza **Rita Nehls v Sterling Travel and Tourism Limited** tat-23 ta' Frar,

2005 hi irrilevanti għall-materja in kwistjoni. Dan qiegħed jingħad irrispettivament minn dak li qalet din il-qorti fis-sentenza **David Galea Waldemar vs l-Universita' ta' Malta** tal-25 ta' Jannar, 2019. Għalkemm l-appellant għamel riferenza għall-artikolu 75(1)(a) u (2) tal-Kap. 452 u enfasizza li t-Tribunal Industrijali għandu ġurisdizzjoni eskussiva li jikkunsidra, *"(a) il-każijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta"*, dik id-disposizzjoni tapplika biss fejn hemm kuntratt ta' impieg. Ladarba r-relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet m'hijiex dik bejn il-prinċipal u impjegat, dik id-disposizzjoni ma tapplikax.

**Għal dawn il-motivi:-**

1. **Tiċħad l-eċċezzjoni preliminari tal-appellata bl-ispejjeż kontriha;**
2. **Tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-appellant.**

**Ir-Reġistratur għandu jibgħat l-atti lura quddiem l-ewwel qorti sabiex tissokta bis-smiegħ tal-kawża.**

Anthony Ellul.